10 ta' Gunju, 1946.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.,D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Prof. Avv. Dr. Giulio Cortis ne. *versus* Spiżjar Goffredo Laferla et.

**Deżerzjoni — Digriet Interlokutorju — Sentenza — Appell.**

*Il-pronunċjament tal-Qorti li bih tiġi ordnata d-deżerzjoni ta' kawża mhux digriet interlokutorju, imma sentenza definitiva.*

*Bid-deżerzjoni pronunċjata fl-appell jispiċċa l-appell u s-sentenza ssir definitiva, b'mod illi dik id-deżerzjoni tolqot mhux biss il-proċediment, imma anki l-meritu.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Dottor Cortis nomine, preżentat fit-12 ta' April 1946, fejn talab :— 1. Li jiġi dikjarat li hu, bħala mandatarju tal-werrieta ta' Margherita Borg, assuma regolarment u skond il-liġi l-atti tal-kawża bin-nota tat-22 ta' Mejju 1939, u jiġi revokat jekk hemm bżonn l-ordni mogħti fid-29 ta' Mejju 1939 u kwalunkwe ordni mogħti suċċessivament f'dan is-sens, u b'hekk jiġi provvdut fuq ir-rikors fuq imsemmi tal-14 ta' Novembru 1945 relativament għat-tieni talba; 2. Li jiġi dikjarat li hu ottempera ruħu għad-digriet mogħti fl-10 ta' Novembru 1941, fis-sens li huwa ikkomunika ma' Rebecca Bosco in Borg biex tibgħatlu prokura

iffirmata mir-raġel tagħha skond il-liġi; 3. Li jiġi revokat "contrario imperio" id-digriet mogħti fl-14 ta' Jannar 1946, u jiġi dikjarat li, peress li ebda waħda mill-partijiet ma mietet ma' tul il-kawża, ma kienx hemm lok għall-applikazzjoni ta' l-inċiż (a) ta' l-art. 964 tal-Proċedura Ċivili, u huwa ma kellu ebda dmir li jottempera ruħu mad-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju 1939; 4. Li jiġi dikjarat li għal dawn ir-raġunijiet il-kawża fuq imsemmija ma marretx deżerta u għadha "sine die"; 5. U li tiġi riappuntata l-kawża għall-kontinwazzjoni tagħha, u b'hekk jiġi provvdut ukoll għall-ewwel talba tar-rikors fuq imsemmi ta' l-14 ta' Novembru 1946;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1946 fil-kawża bejn l-istess partijiet ġie dikjarat li dik il-kawża kienet deżerta skond il-liġi, u għalhekk ġiet milqugħa l-eċċezjoni mogħtija mill-appellati, bl-ispejjeż ta' dik id-deċiżjoni mingħajr taxxa............ ;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent bir-rikors tal-lum qiegħed jitlob ir-revoka "contrario imperio" tad-deċiżjoni fuq imsemmija ta' l-14 ta' Jannar 1946, u r-riappuntament tal-kawża li b'dik id-deċiżjoni ġiet dikjarata deżerta skond il-liġi; u dan wara li ppremetta talbiet oħra preordinati għal dak l-iskop;

Ikkunsidrat;

Illi dik it-talba tar-rikorrent ma tistax tiġi milqugħa, billi l-pronunċja ta' l-14 ta' Jannar 1946 mhix digriet interlokutorja iżda deċiżjoni definitiva, li biha l-proċediment spiċċa għal kollox u s-sentenza appellata għaddiet "in giudicato". Infatti skond il-liġi (artikolu 962 (6) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), bid-deżerzjoni pronunċjata minn din il-Qorti jispiċċa l-appell u s-sentenza appellata ssir ġudikat. Dik id-deżerzjoni għalhekk tolqot mhux biss il-proċediment, imma anki l-meritu, u l-karattru definitiv tagħha huwa stabbilit espressament mill-liġi;

Għaldaqshekk;

Tirrespingi t-talbiet maghmulin minn Dottor Cortis nomine bl-imsemmi rikors tieghu tat-12 ta' April 1946; bl-ispejjeż kontra tieghu.